Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**13851/25**

**CDR 78**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/…**

**ta' …**

**li taħtar membru supplenti,
propost mir-Repubblika tal-Awstrija,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Awstrijak,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, (ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj).

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71[2], li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Peter HANKE sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Awstrijak ippropona lis-Sa Barbara NOVAK, rappreżentanta ta' korp reġjonali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *(Amtsführende Stadträtin von Wien)*(Kunsillier Eżekuttiv tal-Belt tal-Gvern tal-Istat ta' Vjenna), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

*Artikolu 1*

Is-Sa Barbara NOVAK, rappreżentanta ta' korp reġjonali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *(Amtsführende Stadträtin von Wien )*(Kunsillier Eżekuttiv tal-Belt tal-Gvern tal-Istat ta' Vjenna), hija b'dan maħtura bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*